



European  
Commission

# IL-PANEL TAĊ- ĊITTADINI EWROPEJ

DWAR BAĠIT  
EWROPEW  
ADATTAT GĦALL-  
AMBIZZJONIJIET  
TAGĦNA

Kit ta' Tagħrif

# Dwar dan Il-kit

*Merġba fil-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar baġit ġdid tal-UE adattat għall-ambizzjonijiet tagħna. Grazzi talli aċċettajt li tipparteċipa f'dan il-proċess. Nittama li ssibu ta' arrikkiment, interessanti u pjaċevoli! Meta taċċetta l-istedina tal-Kummissjoni Ewropea, inti taqbel li tibda vjaġġ speċjali ħafna. Qablek, 1650 ċittadin Ewropew qablu li jingħaqdu ma' din l-avventura demokratika: Il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej. Mill-2021, huma taw parir lill-Kummissjoni Ewropea dwar diversi suġġetti. Issa, imiss lilek!*

*Inti wieħed minn 150 ċittadin parteċipant magħżula b'mod każwali mis-27 Stat Membru kollha tal-Unjoni Ewropea (UE) li jirriflettu d-diversità tal-UE. Fix-xhur li ġejjin, inti mistieden tiddiskuti l-baġit il-ġdid fit-tul tal-UE mill-2028, u tifformula rakkomandazzjonijiet dwar kif tużah bl-aħjar mod possibbli. Inti u l-membri sħabek tal-Panel se jkollkom il-ħin biex tiddeċiedu, taqsmu ideat u mistoqsijiet, u fl-aħħar nett, tippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħkom lill-Kummissjoni Ewropea.*

*Se nagħmlu l-almu tagħna biex niżguraw li jkollok esperjenza pjaċevoli. Dan il-»Kitt ta' Informazzjoni« jservi biex jiggwidak matul il-proċess. Huwa strutturat f'erba' taqsimiet:*


1. **PROĊESS: X'INHUMA L-PANELS TAĊ-ĊITTADINI?** 4
2. **AMBITU: FUQ XIEX SE NKUN QED NAĦDEM?** 6
3. **SUĖĖETT: X'GĦANDI NKUN NAF DWAR IL-BAĠIT TAL-UE?** 8


**ANNES - INFORMAZZJONI PRATTIKA: X'GĦAJNUNA SE NIKSEB BIEX NORGANIZZA U NĦALLAS GĦALL-VJAĖĖI U L-AKKOMODAZZJONI TIEGĦI?**

## **IN-NIES WARA L-AVVENIMENT: MIN QED JORGANIZZA DAN IL-PANEL?**

*Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-baġit tal-UE li jmiss huwa organizzat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea hija l-fergħa eżekuttiva tal-UE responsabbli biex tipproponi leġiżlazzjonijiet, timplimenta politiki, u timmaniġġja l-operazzjonijiet ta' kuljum tal-UE. Din tiżgura li l-liġijiet tal-UE jiġu applikati kif suppost fl-Istati Membri, tirrappreżenta lill-UE internazzjonalment, u tissorvelja l-baġit u l-finanzi. Il-Kummissjoni taħdem biex tippromwovi l-interessi u l-politiki tal-UE f'oqsma bħall-kummerċ, l-ambjent u l-kompetizzjoni.*

*Il-Kummissjoni hija wkoll inkarigata li tipproponi baġit ġdid tal-UE fit-tul f'Lulju 2025. Il-Kummissjoni qed tinvolvi ruħha f'konsultazzjonijiet wiesgħa biex tiġbor fehmiet dwar dan il-baġit futur.*





# 1/ Il-Proċess:

## X'inhuma l-Panels taċ-Ċittadini Ewropej

### X'INHU L-ISFOND TAL-PANELS TAÇ-ĊITTADINI EWROPEJ?

Fil-Panels taċ-Ċittadini tal-Kummissjoni Ewropea, parteċipanti magħżula b'mod każwali mis-27 Stat Membru kollha jingħaqdu flimkien biex jiddiskutu liġijiet ewlenin futuri u inizjattivi oħra fil-livell Ewropew. Bħala membru tal-panel, inti se tkun responsabbli għal ħafna ċittadini Ewropej – din id-darba – billi tiffoka fuq is-suġġett ta' baġit ġdid fit-tul tal-UE adattat għall-ambizzjoni tagħna mill-2028. Abbażi tad-diskussjonijiet tiegħek, inti se tiżviluppa rakkomandazzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea se tqis fit-tnejn tal-baġit tal-UE fit-tul li jmiss. Dal-proċess għadu kif beda. Tista' ssib iktar informazzjoni hawn:

[https://citizens.ec.europa.eu/new-european-budget\\_mt](https://citizens.ec.europa.eu/new-european-budget_mt)

Il-Panels żvolgħew wara l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa li saret fl-2021-2022. It-800 ċittadin tal-Panels magħżula b'mod każwali waqt il-Konferenza appellaw għal opportunitajiet simili u aktar frekwenti għal parteċipazzjoni futura taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika Ewropea. Bi tweġiba, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, iddeċidiet li l-Panels taċ-Ċittadini Ewropej isiru karatteristika regolari tal-ħajja demokratika Ewropea, u jinvolvu liċ-ċittadini fil-proċess tat-tfassil tal-politika.

Il-Panels sussegwenti ttrattaw suġġetti ta' politika aktar speċifiċi: x'għandek tagħmel dwar [il-ħela tal-ikel](#), kif [issawwar dinjiet virtwali](#), kif [trawwem il-mobilità tat-tagħlim](#), kif ittejjeb [l-effiċjenza](#) fl-enerġija, u kif tindirizza [l-mibgħeda fis-soċjetà](#).

### KIF SE JAĦDEM DAN IL-PANEL TAÇ-ĊITTADINI EWROPEJ?

Inti se tingħaqad ma' 149 ċittadin ieħor magħżula b'mod każwali, mill-Istati Membri kollha li jirrappreżentaw id-diversità tal-UE, u li minnhom terz għandhom inqas minn 29 sena, biex ikunu żgurati diskussjonijiet tajbin bejn il-ġenerazzjonijiet. Kollha flimkien se tiffurmaw il-Panel taċ-Ċittadini dwar baġit ġdid tal-UE. Inti, bħala ċittadin Ewropew, se tarrikki l-proċess istituzzjonali bl-intenzjoni

li twassal għal deċiżjonijiet aħjar. Dawk id-deċiżjonijiet se jittieħdu mill-korpi li jirrappreżentaw l-450 miljun ċittadin Ewropew: il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE.

Fil-Panel, inti u ċ-ċittadini l-oħra se tkunu qed taħdmu fi **gruppi żgħar (12-il persuna f'kull wieħed) u kollha flimkien (fil-plenarji)**. Fil-gruppi ta' ħidma iżgħar, se jkollok l-opportunità li tidħol aktar fil-fond fis-suġġett. Inti se tiddiskuti fehmiet u ideat differenti, u ser taħdem fuq rakkomandazzjonijiet dwar x'għandhom ikunu l-prijoritajiet fit-tul tal-baġit li jmiss. Barra minn hekk, se tilitaqgħu regolarment f'sessjonijiet "plenarji" biex taqsam, tisma' lill-membri tal-panel u lill-esperti l-oħra, u tipprovdi feedback għall-ideat tal-gruppi żgħar l-oħra. Fl-aħħar, ir-rakkomandazzjonijiet li taħdem fuqhom se jiġu adottati mill-Panel kollu.

Tim inkredibbli ta' **interpreti professjonali** se jagħmel ix-xogħol tiegħek possibbli. Fl-istess ħin, dawn se jinterpretaw id-diskussjoni tiegħek fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea. Inti se tkun tista' titkellem bil-lingwa li tħossok l-aktar komdu.

Biex twestaq xogħlok, se tkun appoġġjat minn **tim ta' faċilitaturi**. Ix-xogħol ta' dan it-tim huwa li jiżgura li kull parteċipant iħossu komdu fil-proċess. Hu se joqgħod attent għall-ħinijiet u l-progress ta' kull sessjoni. Dan se jgħin biex il-grupp jaħdem b'mod aktar dinamiku, biex jikseb l-aħjar minn kull kontribut individwali u tal-grupp. Hu se jipprovdi ukoll firxa ta' għodod għal xogħol kollaborattiv u teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi. Barra minn hekk, se jkun hemm min jgħin fuq il-post biex tkun tista' tinnaviga fi tmiem il-ġimgħa u dawn ser jipprovdu informazzjoni Prattika.

Matul il-proċess, se tkun appoġġjat ukoll minn tim ta' esperti magħrufa dwar is-suġġett tal-baġit tal-UE. L-hekk imsejjaħ "**Kumitat tal-Għarfien**" se jipprovdi għarfien mhux biss dwar aspetti differenti tal-baġit tal-UE iżda



wkoll dwar kif taħdem l-Unjoni Ewropea. Matul id-diskussjonijiet tiegħek, se jwiegħbu l-mistoqsijiet tiegħek, jipprovdu feedback u jagħtu l-kontributi tagħhom. Se jkollok ukoll iċ-ċans tiskambja ma' rappreżentanti oħra mis-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-akkademja. Afina se nagħmlu l-almu tagħna biex niprovdu l-informazzjoni kollha li teħtieġ b'mod li jinftiehem u interattiv. Tinkwetax, m'għandekx għalfejn issir espert!

L-uffiċjali tal-Kummissjoni li qed iħejju l-proposta futura dwar baġit ġdid tal-UE se jkunu preżenti wkoll waqt is-sessjonijiet kollha biex jisimgħu r-rakkomandazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tiegħek.

Se jkun hemm ukoll **grupp ta' osservaturi**, ħafna minnhom riċerkaturi, li huma interessati jsewgu l-proċess tal-panel. Huma mhux se jinterferixxu fid-diskussjonijiet tiegħek u mhuma se jagħmlu l-ebda referenza personali għalik u għal membri oħra tal-panels. **Il-media** se tkun mistiedna wkoll, u jekk taċċetta, jistgħu jitolbu biex jintervistaw xi wħud mill-membri tal-panel.

## IL-PANEL TAĊ-ĊITTADINI DWAR BAĠIT EWROPEW ADATTAT GĦALL-AMBIZZJONIJET TAGĦNA

Filmkien mal-parteċipanti l-oħra, se tiltaqgħu għal tliet sessjonijiet. Żewġ sessjonijiet se jsiru personalment fi Brussell u sessjoni waħda se tkun online:

- **Sessjoni 1:**  
**28-30 ta' Marzu 2025** (fuq il-post fi Brussell, il-Belġju)
- **Sessjoni 2:**  
**25-27 ta' April 2025**  
(online permezz ta' għodda ta' vidjokonferenza)
- **Sessjoni 3:**  
**16-18 ta' Mejju 2025** (fuq il-post fi Brussell, il-Belġju)

Nitolbuk tirrispetta l-ħin tal-laqqgħat u tkun preżenti għal kull parti mill-programm. Jekk għandek xi problema prattika x'issolvi, tista' titlob l-għajnuna tat-tim ta' appoġġ tagħna. Jekk għandek kundizzjoni medika, jekk jogħġbok avżana minnufih, persuna fuq il-post jew ir-reception fil-lukanda tiegħek se tipprovdi appoġġ immedjat.

Il-parteċipazzjoni fil-Panel hija limitata għan-nies li ntgħażlu b'mod każwali. In-nies li jiprovdu appoġġ lil xi wħud mill-parteċipanti bi bżonnijiet speċjali mhux se jieħdu sehem fid-diskussjonijiet iżda se jkollhom il-possibbiltà li jattendu bħala semmiegħa. Huma se jkollhom ukoll aċċess għal laqqgħat soċjali.

Filgħaxija, se tiġi mistieden għal **avvenimenti soċjali** (il-Ħamis, il-Ġimgħa, is-Sibt). Jekk jogħġbok eja ngħaqad magħna, u f'ħin biex tiltaqa' ma' parteċipanti oħra, u aqsam dan il-mument rari li tkun f'kamra waħda ma' ċittadini mis-27 Stat Membru kollha.

Jekk għandek xi diffikultajiet bil-mod kif qed imorru l-affarijiet, jew jekk tara xi mġiba ħażina li tmur kontra l-liġi, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-persuna li se tkun l-"**uffiċjal tal-inklużjoni**" waqt is-sessjonijiet tal-Panel jew ibgħat email bejn is-sessjonijiet.

Il-Panel huwa ssupplimentat **b'dibattitu online fuq il-Pjattaforma ta' Involvement taċ-Ċittadini**, li hija miftuħa għal kull ċittadin Ewropew li jixtieq jaqşam l-opinjoni tiegħu dwar il-baġit tal-UE fit-tul li jmiss. Inti mistieden tinforma lill-familja, lill-ħbieb u lill-kollegi tiegħek, li ma ntgħażlux għall-panel, biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu.

Jekk taqbel, se tiġi mistieden tikkomunika fuq in-networks soċjali dwar il-preżenza tiegħek f'dan il-Panel. Afina nitolbuk biex ma taqşam l-ebda informazzjoni personali u kontribuzzjonijiet ta' parteċipanti oħra.

# 2 / L-Ambitu:

## Fuq xiex se nkun qed naħdem?

*F'Lulju 2025, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta għal baġit ġdid fit-tul tal-UE mill-2028, li mbagħad jiġi deċiż mill-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri fil-Kunsill tal-UE. Din hija opportunità biex naqblu fuq baġit tal-UE b'saħħtu u modern, adattat għall-ambizzjonijiet tagħna.*

Hekk kif l-UE tħares 'il quddiem, qed iseħħu bidliet profondi – għas-soċjetà tagħna, is-sigurtà tagħna, l-ekonomija tagħna u l-pjaneta tagħna. L-objettiv ta' Ewropa ħielsa, demokratika, b'saħħitha, sigura, għanja u kompetittiva deskritt [fil-linji gwida](#) politiċi ta' din il-Kummissjoni u fl-[Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew għall-2024-2029](#) jeħtieġ jinkiseb f'kuntest ġeopolitiku ta' sfida kbira. Il-baġit tal-UE għandu jkumpli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-għajxien taċ-ċittadini, u jappoġġja l-impjegji, in-negozji, l-istudenti, il-bdiewa, ir-riċerka, ir-regġuni u l-komunitajiet lokali madwar l-Ewropa u lil hinn. Fl-istess ħin, hemm bżonn li jiġu indirizzati prijoritajiet urġenti bħad-difiża u s-sigurtà.

U filwaqt li l-ħtieġa għal azzjoni tal-UE tikber, il-baġit tal-UE għandu riżorsi finanzjarji limitati. It-tfassil tal-baġit tal-UE fit-tul li jmiss jirrikjedi analiżi kondiviża tal-isfidi sottostanti – ftehim wiesa' dwar "x'għandu" jiġi ffinanzjat, jiġiferi, dwar il-ħtieġijiet ta' investment għas-snin li ġejjin u "kif" tiffinanzjahom. Il-Kummissjoni Ewropea tfttex li tidħol f'dibattitu mal-membri tal-panel dwar il-baġit tal-UE li jmiss. Għalhekk, inti u l-membri l-oħra ta' dan il-Panel taċ-Ċittadini se tintalbu twieġbu l-mistoqsija ġenerali li ġejja:

**“Liema prijoritajiet u azzjonijiet iffinanzjati mill-UE jġibu l-aktar valur miżjud għall-Ewropej?”**

Hemm żewġ dimensjonijiet ewlenin għal din il-mistoqsija:

- Fuq liema prijoritajiet għandu jintefaq il-baġit tal-UE fil-futur?
- Liema tipi ta' attivitajiet għandu jappoġġja l-baġit tal-UE biex jgħin fit-twettiq ta' dawk il-prijoritajiet?

Is-sottomistoqsijiet differenti se jgħinuk tinnaviga dan is-suġġett. Pereżempju, kif nistgħu nagħmlu l-aħjar użu minn kull euro tal-baġit tal-UE? Kif jista' jirrifletti l-ħtieġijiet differenti li għandhom l-Ewropej? Għandek ideat dwar kif il-baġit tal-UE jista' jagħmel differenza diretta u pożittiva f'ħajtek? Kif jista' jindirizza l-aħjar l-isfidi komuni Ewropej?


Bl-appoġġ u l-għarfien minn faċilitaturi, esperti u kelliema esterni b'esperjenza, inti u ċ-ċittadini sħabek se tesploraw it-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet fi tliet sessjonijiet:

**F'NESSJONI 1**, se tiżviluppaw fehim komuni tal-baġit tal-UE u tal-ambitu tal-Panel taċ-Ċittadini. Parti introduttorja se tispjega n-natura tal-baġit tal-UE, inkluża l-evoluzzjoni tiegħu, x'jiffinanzja, minn fejn jiġu l-flus, u kif jiġi deċiż. Flimkien ma' ċittadini oħra, se teżaminaw ukoll il-prijoritajiet komuni u l-ħtieġijiet ta' finanzjament differenti li jeħtieġu appoġġ mill-baġit tal-UE. Se tiddiskutu viżjonijiet għal futur komuni, tidentifikaw sfidi ewlenin kif ukoll opportunitàjiet. Se tirriflettu wkoll dwar liema prinċipji għandhom jiggwidaw il-baġit tal-UE li jmiss.

**F'NESSJONI 2**, li se ssir online, se taqblu fuq prijoritajiet politiċi u se tabbozzaw l-ewwel rakkomandazzjonijiet. Se tiżviluppaw ideat dwar kif tappoġġjaw bl-aħjar mod dawk il-prijoritajiet komuni u tindirizzaw l-isfidi komuni identifikati. B'mod partikolari, se tidentifikaw u tiddiskutu liema tipi ta' azzjonijiet jista' jkollhom l-akbar impatt fuq it-titjib tal-ħajja taċ-ċittadini madwar l-Ewropa.

**F'NESSJONI 3**, se tirfinaw l-ideat tagħkom. Eventwalment, dawn l-ideat isiru r-rakkomandazzjonijiet finali dwar kif jinħoloq baġit tal-UE adattat għall-ambizzjonijiet tagħna. Se ssir votazzjoni fuq ir-riżultati tiegħek u mbagħad jiġu adottati fl-aħħar sessjoni plenarja.

**L-EŻITUTAL-PANEL** se jkun listata rakkomandazzjonijiet li se jikkontribwixxu għall-ħidma futura tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-baġit tal-UE.



# 3 / Is-Sugġett:

## X'għandi nkun naf dwar il-baġit tal-UE?

### GĦALIEX GĦANDNA BŻONN BAĠIT TAL-UE?

Kif probabbilment taf, baġit huwa pjan biex juri kemm persuna jew organizzazzjoni se jaqilgħu flus u kemm se jkollhom bżonn jew ikunu jistgħu jonfq. Kull pajjiż fid-dinja għandu baġit, li huwa l-kalkolu tad-dħul potenzjali tiegħu (kemm jagħmel flus) u l-infiq (kemm jonfoq flus).

Il-baġit tal-UE jidħol fis-seħħ meta jkun aktar effettiv li jintefqu l-flus fil-livell tal-UE milli fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali. Dan huwa dak li jista' jissejjaħ il-"valur miżjud" tal-baġit tal-UE. Huwa komplementari għall-baġits tal-Istati Membri. Xi wħud mill-oqsma fejn il-baġit tal-UE juri valur miżjud qawwi, meta mqabbel mal-baġits nazzjonali, huma kif ġej:

- **L-ewwel** nett, huwa jappoġġja l-politiki Ewropej li fihom l-UE għandha rwol sinifikanti, kif deskritt fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, li huma ftehimiet vinkolanti bejn l-Istati Membri. Dawn il-politiki jinkludu oqsma bħall-agrikoltura u l-koeżjoni. Fis-settur agriku, l-enfasi hija fuq l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, l-appoġġ għall-għajxien għall-bdiewa, u l-promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli madwar l-UE. Sadanittant, il-politiki ta' koeżjoni għandhom l-għan li jipromwovu kwalità għolja ta' ħajja fir-reġjuni kollha tal-UE billi jrawmu unità ekonomika, soċjali u territorjali, ibbażata fuq il-prinċipju ta' solidarjetà.
- **It-tieni** nett, il-baġit tal-UE jappoġġja proġetti b'dimensjoni Ewropea vera, bħall-infrastruttura transkonfinali (eż. in-network ferrovjarju "Rail Baltica" li jgħaqqad lill-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja mal-bqija tal-Ewropa), jew proġetti ta' diversi pajjiżi (eż. kooperazzjoni ġudizzjarja fost diversi Stati Membri).
- **It-tielet**, jippermetti li jiġu indirizzati sfidi Ewropej li huma komuni għall-Istati Membri kollha, bħall-ftieġa li nsaħħu l-kompetittività tagħna, niggarrantixxu s-sigurtà tagħna, kif ukoll intemmu t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tagħna.
- **Ir-raba'**, jgħin biex jiġu indirizzati kriżijiet u emerġenzi komuni, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-impatti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
- **Il-ħames**, jappoġġja l-azzjonijiet globali tal-UE, pereżempju permezz tal-iżvilupp ta' sħubijiet internazzjonali, kooperazzjoni għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja.





Billi jgħor ir-riżorsi, billi jgħaqqad flimkien kontra l-isfidi komuni u jgħin lill-Istati Membri kollha, liċ-ċittadini tagħhom u lil hinn, il-baġit tal-UE joħloq valur miżjud, isaħħaħ l-ekonomija u l-pożizzjoni ġeopolitika tal-Ewropa.

Għandu jitqies ukoll li l-investimenti mhumiex iffinanzjati biss mis-settur pubbliku, permezz tal-baġits nazzjonali jew il-baġit tal-UE, iżda wkoll minn fondi tas-settur privat (jiġifieri, tfaddil privat fl-Ewropa u lil hinn). Il-finanzjament pubbliku jista' jintuża biex jingrana l-kapital privat, pereżempju billi jifinanzja parti minn proġetti innovattivi li huma perċepiti bħala riskjużi wisq biex kumpaniji privati jinvestu fihom jew billi jneħħu r-riskju ta' investimenti privati billi jipprovdu garanziji.

### X'INHU L-BAĠIT TAL-UE?

Meta n-nies jikkellmu dwar il-baġit tal-UE, ħafna drabi jirreferu għall-pjan fit-tul imsejjaħ il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Dan il-pjan jistabbilixxi l-ammont totali ta' flus disponibbli u jiddeċiedi kif se jintefaq fuq diversi snin. Jistabbilixxi wkoll limiti ta' nfiq għal kull qasam ewlieni, bħas-Sigurtà u d-Difiża jew ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali huwa bbażat fuq proposta mill-Kummissjoni Ewropea, li tiġi adottata b'unanimità mis-27 Stat Membru fil-Kunsill, wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, kif spjegat f'aktar dettall hawn taħt.

Abbażi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, jittfassal u jintlaħaq qbil dwar baġit annwali tal-UE kull sena. Dan jistabbilixxi l-infiq u d-dħul għal dik is-sena, filwaqt li jirrispetta l-ammonti totali miftiehma taħt il-baġit tal-UE fit-tul.

Il-baġit tal-UE attwali fit-tul ikopri mill-2021 sal-2027. Dan jammonta għal EUR 1.2 triljun, li jirrappreżenta madwar 1% tal-PDG tal-UE (Prodott domestiku gross = il-valur tal-prodotti u s-servizzi prodotti f'pajjiż f'perjodu ta' żmien partikolari). L-UE sservi **27 Stat Membru b'popolazzjoni totali ta' 450 miljun**. B'dawn iċ-ċifri f'moħħna, il-baġit annwali tal-UE huwa fil-fatt pjuttost żgħir – madwar EUR 160-180 biljun fis-sena fl-2021-27. Dan huwa komparabbli mal-baġit nazzjonali tad-Danimarka, li jservi 5.6 miljun persuna, u huwa madwar 30% iżgħar mill-baġit tal-Polonja, li jservi 38 miljun persuna.

Huwa eċċezzjonalment miżjud b'madwar EUR 800 biljun minn NextGenerationEU, strument temporanju biex jagħti s-setgħa lill-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19. Il-baġit fit-tul tal-UE, flimkien ma' NextGenerationEU, għalhekk jammonta għal madwar EUR 2 triljuni.

**NextGenerationEU** huwa l-istrument ta' rkupru temporanju tal-UE mfassal biex jgħin lill-Istati Membri jirkupraw mill-impatti ekonomiċi u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19. Huwa jipprovdi EUR 800 biljun f'finanzjament permezz ta' għotjiet u self biex jappoġġja riformi u investimenti, b'enfasi fuq tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-reżiljenza ekonomika, u l-koeżjoni soċjali. Biex tiffinanzja NextGenerationEU, il-Kummissjoni Ewropea, f'isem l-UE, qed tissellef fis-swieq kapitali.

## X'TIFFINANZJA L-UE U X'KISBET S'ISSA?

Il-baġit fit-tul tal-UE huwa maqsum f'kategoriji ta' nfiq, pereżempju:

- **Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali:**

Jappoġġja r-riċerka, jgħin fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji u s-servizzi tal-gvern, u jinvesti f'infrastruttura fiżika (bħall-ferroviji), diġitali (bħall-5G u l-internet b'veloċità għolja) u spazjali. Huwa jagħti spinta wkoll lill-kompetittività, pereżempju billi jiffinanzja teknoloġiji ewlenin f'oqsma diġitali, klimatiċi u bijoteknoloġiċi.

- **Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri:**

Dan jaħdem biex inaqqas id-differenzi reġjonali u jixpruna l-iżvilupp sostenibbli fl-UE. Dan il-finanzjament jappoġġja t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, jgħin l-inizjattivi taż-żgħażaġħ u tas-saħħa, u jipromwovi l-valuri tal-UE. Pereżempju, jgħin biex jiġu żviluppati bliet intelliġenti, trasport ekoloġiku, u proġetti li jgħaqqdu żoni remoti. Jappoġġja wkoll ir-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni mill-fjuwils fossili għal enerġiji nodfa, joffri taħriġ biex jgħin lill-ħaddiema jiksbu ħiliet ġodda. Jiffinanzja proġetti u organizzazzjonijiet għall-mobilità edukattiva transkonfinali, l-inklużjoni soċjali, kura tas-saħħa aħjar, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-bniedem, u inizjattivi kulturali.

- **Riżorsi Naturali u l-Ambjent:**

Huwa jiffoka fuq li jagħmel is-setturi tal-agrikoltura u marittimi tal-UE aktar sostenibbli, kif ukoll jiġġielel it-tibdil fil-klima, u jiżgura s-sigurtà tal-ikel. Dan jinkludi

l-appoġġ għall-bdiewa u s-sajd, l-investment fl-iżvilupp rurali, il-protezzjoni tal-bijodiversità, il-konservazzjoni tal-foresti u l-organiżmi selvaġġi, u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju.

- **Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri:**

Huwa jtejjeb is-sigurtà tal-fruntieri u jappoġġja l-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni. Dan ifisser pereżempju, investment fis-sorveljanza tal-fruntieri, miżuri kontra t-terroriżmu, u proġetti li jgħinu fl-integrazzjoni tal-migranti fil-waqt li jissalvagwardjaw is-sistema tal-ażil.

- **Sikurezza u Difiża:**

Hu għandu l-għan li jsaħħaħ l-awtonomija strateġika u jsaħħaħ l-industrija tad-difiża tal-UE. Pereżempju, billi jiffinanzja r-riċerka militari konġunta, iċ-ċibersigurtà u t-teknoloġija tad-difiża tal-ġenerazzjoni li jmiss, u s-sistemi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita.

- **Viċinat u d-Dinja:**

Dan jiffinanzja azzjonijiet tal-UE barra mill-pajjiż biex jipromwovi l-istabbiltà, l-iżvilupp, u l-għajnuna umanitarja u jrawwem il-valuri tal-UE fid-dinja. Pereżempju, dan l-appoġġ jgħin biex tinbena l-infrastruttura, titjeb il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jipprovdi għajnuna ta' emerġenza f'żoni ta' kunflitt jew żoni affettwati minn diżastri naturali.

- **Amministrazzjoni Pubblika Ewropea:**

Dan jiffinanzja wkoll l-amministrazzjoni tal-UE biex jiżgura li l-UE tkun ġestita b'mod effettiv.

### Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

149.9 (+11.5 from NGEU)

### Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri

429.8 (+776.5 from NGEU)

### Riżorsi Naturali u l-Ambjent

400.3 (+18.9 from NGEU)

### Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri

28.3

### Sikurezza u Difiża

16.4

### Viċinat u d-Dinja

113.7

### Amministrazzjoni Pubblika Ewropea

82.5

## Total €2 027.9 biljun



NextGenerationEU  
806.9 biljun

Baġit fit-tul  
1 221 biljun





Il-baġit tal-UE għandu impatt dirett u konkret fuq il-ħajja taċ-ċittadini, in-negozji, ir-riċerkaturi, il-bdiewa u l-komunitajiet lokali Ewropej. Dawn huma xi eżempji ta' kisbiet li l-baġit tal-UE għamel possibbli:

- **KLIMA:** 87 miljun tunnellata ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju evitati kull sena.
- **MOBILITÀ TAT-TAGĦLIM:** 16-il miljun persuna pparteċipaw fil-programm Erasmus mill-ħolqien tiegħu fl-1987.
- **IMPJIEGI:** 6.8 miljun persuna sabu impjeg permezz ta' inizjattivi ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew f'dawn l-aħħar snin.
- **ID-DIĠITALIZZAZZJONI:** Il-finanzjament tal-UE jappoġġja s-sistema Ewropea tan-navigazzjoni bis-satellita Galileo, li s-sinjali tagħha jintużaw minn aktar minn 2.3 biljun apparat madwar id-dinja, minn smartphones sa transmittenti ta' emerġenza. Bis-saħħa tal-finanzjament tal-UE, Galileo jipprovi data satellitari faċilment aċċessibbli li tippermetti l-pożizzjonament, in-navigazzjoni u d-determinazzjoni tal-ħin.
- **APPOĠĠ GĦAN-NEGOZJI:** 2.5 miljun negozju rċevew appoġġ finanzjarju mill-UE mill-politika ta' koeżjoni bejn l-2014 u l-2022.
- **IX-XJENZA:** 35 rebbieħ tal-Premju Nobel irċevew appoġġ għar-riċerka mill-UE bejn l-1985 u l-2023.
- **L-INFRASTRUTTURA TAL-ENERĠIJA:** 3 613-il kilometru ta' kejbils tal-elettriku ġew miżjuda mas-sistema tal-enerġija tal-UE għall-interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, matul il-perjodu 2014-2020.
- **KULTURA:** Fl-2024, ħamsa mill-films nominati għall-Oscars kienu appoġġjati mill-baġit tal-UE.

## KIF JIĠI FFINANZJAT IL-BAĠIT TAL-UE?


Il-baġit tal-UE għall-2021-2027 huwa ffinanzjat mis-sorsi li ġejjin, ikkalkulati minn sena għal sena:

- 1. Kontribuzzjonijiet mill-baġits nazzjonali (64% għall-2025)** skont il-livell tal-introjtu nazzjonali (ING) tal-Istati Membri. Dawn jikkostitwixxu l-akbar sors ta' dħul għall-baġit tal-UE u jiżguraw li dejjem ikun hemm biżżejjed dħul biex ikopri l-infiq kollu miftiehem, u li l-baġit tal-UE jkun dejjem ibbilanċjat
- 2. Dazji doganali (14% għall-2025)** applikati fuq oġġetti li jidħlu fl-UE minn pajjiżi mhux tal-UE.
- 3. Kontribuzzjoni bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) mill-baġits nazzjonali (16% għall-2025).**
- 4. Skart tal-imballaġġ tal-plastik (5% għall-2025):** Kontribuzzjoni mill-Istati Membri bbażata fuq l-ammont ta' skart tal-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat f'kull Stat Membru.
- 5. Dħul ieħor, bħal kontribuzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE u multi fuq negozji għal imġiba antikompetittiva.**

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħa mit-[Trattati tal-UE](#) li tissellef mis-swieg kapitali internazzjonali f'isem l-UE. Mill-2021, il-Kummissjoni ilha [tiġbor fondi fis-swieg kapitali](#) biex tiffinanzja l-pjan ta' rkupru ta' wara l-COVID, NextGenerationEU, flimkien mas-self għal prijoritajiet oħra, bħall-appoġġ għall-Ukrajna.

Biex tgħin tħallas lura s-self għall-parti tal-għotjiet ta' NextGenerationEU fost affarijiet oħra, il-Kummissjoni pproponiet [tliet](#) sorsi ġodda addizzjonali ta' dħul:

- Parti mid-dħul mis-**Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet**, hija sistema mifruxa mal-UE kollha li tistabbilixxi limitu fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn industrij li jużaw ħafna enerġija, u jippermetti lill-kumpaniji jixtru u jbigħu kwoti tal-emissjonijiet biex jinċentivaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet tagħhom.
- **Mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM)**, li jimponi prezz tal-karbonju fuq oġġetti importati lejn l-UE biex jiżgura li l-produtturi barranin jissodisfaw l-istess standards klimatiċi bħall-industriji tal-UE; u
- Kontribuzzjoni temporanja limitata minn kull Stat Membru bbażata fuq il-livell tal-**profitti tal-kumpanija**.



## KIF INHU NNEGOZJAT U MIFTIEHEM IL-BAĠIT TAL-UE?

Filwaqt li dan mhux se jkun il-fokus tal-Panel, huwa importanti li tkun familjari mal-proċess li bih jiġi miftiehem il-baġit tal-UE.

Il-baġit fit-tul tal-UE huwa negozjat u adottat bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE, abbażi ta' proposti mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kunsill tal-UE huwa magħmul minn rappreżentanti tal-gvernijiet nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li l-Parlament Ewropew huwa elett miċ-ċittadini Ewropej. Il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet jista' jinqasam fi tliet fażijiet:

### FAŻI 1: PREŻENTAZZJONI TAL-BAĠIT FIT-TUL TAL-UE

In-negozjati dwar il-baġit fit-tul tal-UE jibdew snin qabel l-adozzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni tnedi l-proċess billi tippreżenta proposti. Biex tabbozza dawn il-proposti, il-Kummissjoni tikkonsulta b'mod wiesa' mal-istituzzjonijiet, mal-partijiet ikkonċernati u maċ-ċittadini. Dan huwa l-istadju li fih iseħħ dan il-Panel: ir-rakkomandazzjonijiet tiegħek se jkunu kontribut għat-tnejjija ta' dawn il-proposti.

### FAŻI 2: NEGOZJAR TAL-BAĠIT FIT-TUL TAL-UE

Il-Kunsill tal-UE, li jikkonsisti mill-Istati Membri kollha, iħejji l-pożizzjoni tiegħu abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew jadotta wkoll il-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposti. Ladarba l-partijiet kollha jkunu stabbilixxew il-pożizzjonijiet tagħhom, jibdew in-negozjati bejn il-Parlament u l-Kunsill, bil-għan li jintlaħaq ftehim komuni.

### FAŻI 3: L-ADOZZJONI TAL-BAĠIT FIT-TUL TAL-UE

Ladarba jintlaħaq ftehim, il-baġit fit-tul tal-UE jiġi adottat permezz ta' "proċedura leġiżlattiva speċjali". Il-Kunsill tal-UE għandu jaqbel b'mod unanimu mal-elementi differenti. Il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-kunsens tiegħu wkoll.

Jekk ikun meħtieġ, il-baġit fit-tul tal-UE jista' jiġi rivedut matul il-ħajja tiegħu jekk iseħħu sfidi ġodda bla preċedent u mhux mistennija. Dan seħħ fi Frar 2024, meta l-baġit tal-UE ġie rivedut biex ikopri l-finanzjament għal prijoritajiet bħall-appoġġ għall-Ukrajna, it-teknoloġiji strateġiċi u l-migrazzjoni.

## KIF JIĠI IMPLIMENTAT IL-BAĠIT TAL-UE?

Il-finanzjament tal-UE jista' jiġi ġestit direttament mill-Kummissjoni (ġestjoni diretta), b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Istati Membri (ġestjoni kondiviża), jew minn imsieħba implimentattivi bħall-Bank Ewropew tal-Investiment (ġestjoni indiretta). Il-mod ta' ġestjoni jiddetermina l-proċedura għall-finanzjament tal-applikazzjonijiet u kif jiġu evalwati.

Filwaqt li l-UE tipprovdi l-finanzjament għal programm jew proġett speċifiku jew tipparteċipa fi proġett permezz tal-għoti ta' garanzija, mhux dejjem tkun direttament involuta fil-ġestjoni ta' kuljum Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-maġġoranza tal-baġit tal-UE, hija l-Kummissjoni li għandha r-responsabbiltà aħħarja għall-eżekuzzjoni tiegħu.

Il-Kummissjoni hija impenjata tipproteġi l-flus tal-kontribwenti u tiżgura li kull euro mill-baġit tal-UE jintefaq b'mod trasparenti u korrett. Il-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet fl-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE lejn dan il-għan.

